MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta ta' l-4 ta' Mejju, 2007

Talba Numru. 2375/2004

**GasanMamo Insurance Limited kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Peter Cachia**

**Vs**

**Stephen Spiteri**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fl-20 ta` Dicembru, 2004 fejn intalab li l-konvenut ghandu jigi kkundannat jhallasha s-somma ta` hames mija u erbgha u sittin lira u centezmu (Lm564.01) rapprezentanti valur ta` danni sofferti fil-vettura tal-assikurat Peter Cachia numru CGP 105 f'incident stradali li sehh fil-21 ta` Lulju, 2004 meta l-konvenut kien qieghed isuq il-vettura numru ICE 576 ghal liema incident l-istess konvenut kien unikament responsabbli.

Bl-ispejjes komprizi dawk ta` l-ittra ufficcjali datata 1 ta` Novembru, 2004 kontra l-konvenut u ta` ittra ufficcjali ohra prezentata kontestwalment ma` dan l-avviz kontra l-assikurazzjoni tal-konvenut u bl-imghax kontra l-konvenut mid-data ta` l-ittra ufficcjali u minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenut datata 21 ta` Gunju, 2005 fejn ikkontesta t-talba attrici stante li ma kellu ebda tort ghal l-imsemmi incident filwaqt li allega Ii l-valur tal-hsarat kienu ezagerati. B'riserva ghall-eccezzjonijiet ulterjuri.

Ra l-provi prodotti nkluz id-dokumenti esebiti.

Sema` t-trattazzjoni orali tal-abbli difensuri tal-partijiet.

Ikkunsidra.

Illi f'dan l-incident id-divergenza bejn is-sewwieqa tinsab fil-fatt illi filwaqt li l-assikurat ta` l-attur qed jallega li l-konvenut dahal fuqu minn wara l-konvenut isostni Ii l-impatt sehh ghar-raguni li l-assikurat qasam minn quddiemu minn karreggjata ghall-ohra u kwindi ostakolalu t-triq.

Peter Cachia xehed illi kif kien qieghed idur ir-roundabout tal-Marsa sejjer fid-direzzjoni ta` Rahal il-Gdid giet vettura fuq il-lemin tieghu li qasmet quddiemu. Minhabba f'hekk huwa naqqas l-ispeed tal-vettura tieghu u kien f'dan il-mument li qala` d-daqqa fuq wara da parti tal-konvenut. Is-sewwieqa nizlu mill-vetturi rispettivi taghhom u mlew il-bumper to bumper form. Din tinsab esebita fil-process bhala Dok PC1 u giet mimlija minn bin l-assikurat wara li sema` l-verzjoni tat-tnejn peress li huwa ma kienx prezenti ghall-incident. Il-kontijiet u survey gew ukoll esebiti u jinsabu mmarkati bhala Dok PC 2 sa Dok PC8. In kontro-ezami huwa jikkonferma li kien miexi fuq in-naha ta` gewwa u kwindi kien hemm mument meta qasam il-karreggjata ghal fuq dik mil-lemin ghax-xellug u li l-impatt sehh meta huwa kien ghaddej fuq il-karreggjata tax-xellug. Bid-daqqa l-vettura tieghu spiccat lura fuq il-karreggjata tal-lemin cioe` mnejn kien gej. Id-daqqa fuq il-

vettura tieghu kienet fuq in-naha ta` wara pjuttost l-aktar fuq in-naha tal-lemin. Jikkonferma wkoll li l-vettura li qasmet minn quddiemu ghamlet tali manuvra f’salt u kemm hu u kif ukoll il-vettura ta` ma` genbu kellhom jibbrejkjaw f’daqqa biex jevitawha.

Stephen Spiteri xehed li huwa kien miexi fuq il-karreggjata biswit ic-centre strip filwaqt li l-assikurat kien quddiemu pero` fil-karreggjata fuq ix-xellug tieghu. L-assikurat ghamel manuvra fejn ipprova jidhol fuq il-karreggjata tax-xellug tieghu, dan ma setax jaghmlu il-ghaliex kienet gejja vettura ohra, hu donnu nhasad u gibed ghal kollox fuq il-lemin tieghu bil-konsegwenza li baqa` diehel fuq il-karreggjata tal-konvenut u b`hekk sehh l-impatt bejniethom. Ghalhekk isostni li l-impatt sehh fuq il-karreggjata ta` barra mnejn kien miexi l-istess konvenut. Jikkonferma li bin l-assikurat mela l-formola bumper to bumper Dok PC1 u li hu kien iffirma l-istess ghalkemm ma kienx jaf ezatt il-kontenut ta` xiex kien qed jiffirma. Meta Christian Cachia bin l-assikurat intalab jaghti aktar dettalji dwar il-kontenut tal-formola PC1 ftit li xejn ftakar aktar. In kontro-ezami l-konvenut jghid li lis-sewwieq l-iehor kien rah biss fil-mument tal-habta u dana peress li kien l-istess assikurat li gie fuqu minn-naha tax-xellug. Ikompli jghid li ma jafx kemm kien il-boghod minnu qabel l-impatt peress illi ma kienx rah qabel l-incident. Jerga` jghid imbaghad li ma rahx jaqleb karreggjaturi stante li sabu quddiemu. Din il-parti tax-xhieda tieghu in kontro-ezami tikkontrasta sew max-xhieda li kien ta` in ezami fejn qal li ra l-manuvra tas-sewwieq ta` quddiemu li minn karreggjata gibed lejn ix-xellug u mbaghad f’salt ghal lemin ghax skond hu nhasad minn xi vettura ohra.

Illi apparti l-fatt li l-konvenut ma kien kredibbli xejn fil-verzjoni li huwa ta fuq dan l-incident kif hawn fuq indikat it-Tribunal huwa tal-fehma li l-kawza prossima ta` dan l-incident kien semplicement ghar-raguni li l-konvenut ma zammx bizzejjed distanza bejnu u bejn il-vettura ta` quddiemu u kwindi meta l-assikurat gie kostrett li jirrallenta f’salt minhabba vetturi ohra, l-konvenut ma rnexxielux jaghmel l-istess kemm minhabba distanza wisq ravvicinata u kif ukoll minhabba nuqqas ta` attenzjoni u

koncentrazzjoni fuq dak li qed isir quddiemu u cioe` nuqqas ta` proper look out.

Illi dan il-valur tad-danni mitluba it-Tribunal isib li dawn jinsabu ppruvati b'mod soddisfacenti tramite d-dokumenti esebiti.

Ghaldaqstant in vista tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula, t-Tribunal qieghed jaqta` u jiddeciedi dan il-kaz billi jiddikjara li l-konvenut Stephen Spiteri kien unikament responsabbli ghall-incident in kwistjoni, kwindi jirrespingi l-eccezzjonijiet minnu sollevati, jakkolji t-talba attrici u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici s-somma kif mitluba ta` hames mija u erbgha u sittin lira u centezmu (Lm564.01) bl-imghax legali dekorribbli mill-1 ta` Novembru, 2004 u bl-ispejjes kollha ta` dina l-istanza kontra l-istess konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------